U reġa’ waqa’ f’daqqa s-skiet,

u f’dak is-skiet,

qgħadna nisimgħu

x-xita tqa

t

t

a

r.

Il-Ħin: 18:07

*Dik bis-serjetà?*

*Kemm ma naħmilhiex my God.*

*Same here.*

*'Jekk trid, staqsi lil Tim fuq il-main part!' Bla bla bla bla.*

*Dik żgur qed torqod miegħu.*

*Lilha naħseb irid Tim! Rajtu dak il-flokk l-iswed? Dak ta' xi sena ilu, like.*

*Jaqq!*

*Toqgħod tilgħabha tal-cool.*

*Imbagħad deep down vera bitch.*

*Rajtha? Lanqas tħares. I mean, hello we're here! Tista' tħares lejna int u titkellem hux.*

*Tridha tal-cool. Għax dejjem lilha jagħtiha l-main part hux.*

*'Ija l-lingwi cool. U le, ma nimmissjahomx is-sciences.' Ħa ħa.*

*Ma tiftakrux ħej lil Mark, qalet.*

*Whatever!*

*I mean iddejjaqni. Anki meta noqgħod nara l-istatuses tagħha fuq facebook. Istra vera bitch. 'Ok. Seriously now. Why am I not Lady GaGa?'*

*Ma nafx min taħseb li hi jien.*

*Ieħor: 'Ok. There's a dad who is dancing in the kitchen. Me: Dad, what the …? Dad: There's Nina Simone's My Funny Valentine in my head, can't help it. Me: Ok I'll join you.'*

*Wow, tafhom bl-amment?*

*'Finally resorted to defrosting my toes with the hairdryer.'*

*Jien taf liema niftakar? Dak tal-barbecue sauce.*

*'Oops, put barbecue sauce on my cornflakes. Illami x'ngħas!'*

*Kont se ngħidilha, agħmel nuċċali*

*hux la m'għadekx tara.*

*'Xebgħa biki u eyeliner DG u hekk …'*

*Ta' dalgħodu?*

*Tal-bieraħ filgħaxija.*

*Sort of … biex turina li l-eyeliner li għandha tad-DG!*

*Ma nafx għaliex kienet qed tibki.*

*Taparsi ajma hux.*

*Jew qiegħda bih.*

*X'se tagħmel?*

*Ħa nara hux qiegħda bih.*

*Fil-basket?*

*Tipo. Nara hemmx pads u tampax u hekk.*

*What the …*

*Qed nitnejjek Amy my God.*

*Issa jekk tiġi?*

*Mela oqgħodli għassa.*

*Imma x'se tfittex?*

*Whatever.*

*Ara għandhiex xi tanga mela?*

*Biex toħodhulha? Tiftakarha ċ-ċajta?*

*Ija niftakarha thanks, u no ta, ma rridx tanga ta' dik jien.*

*Lilha ndendluhulha fil-Foyer fil-każ, mhux fil-klassi.*

*Bitch.*

*Oops! Qed idoqqilha!*

*Ara min!*

*Fejn iż-żikk qiegħed?*

*Shit, ġej xi ħadd.*

*Shit, shit. Ejja ħi!*

*Relax dude, mhu ġej ħadd.*

*Bassa.*

*Welcome.*

*Istra kemm haw' rubbish f'dal-basket, jaqq, pads, like …*

*Maħmuġin?*

*Ħa ħa!*

*Mhux int għedt kemm hawn rubbish!*

*Lipgloss, mera, kalzetti … m'hawnx tanga sorry … karti, ktieb, straightener … straightener? What the … ? Ktieb, Hello Kitty, istra għadha ffissata … hubba hubba Hello Kitty … jew 'Hello Kitty I'm giving you another chance'.*

*Illami tiftakru dak l-istatus?!*

*Totally. Wow. Cool l-iPhone. 'My iPhone and a bucket of wings.'*

*Dak ta' xi ġimgħa ilu. Ma tantx ilu għandha naħseb.*

*Yepp! Shit, reġa'. Dean dan. Nirrispondi?*

*No ta. Don't. X'se tgħidlu mbagħad?*

*Surprise! It's me, like … hubba hubba.*

*No way!*

*Ok ok, relax.*

*Message.*

*Dak x'jaralha tgħid? Għax vera uncool it-tifla. I mean għadha tilbes il-bra tal-Form 5 rajtha?*

*U l-panty ukoll. Dak l-istess wieħed li kellha fil-Form 5, tiftakarhom? Same sett tal-Hello Kitty!*

*Għaddew xhur, like!*

*Boqq! Ma nafx x'jaralha.*

*The man again.*

*Imma int żgur li dawk qegħdin flimkien?*

*Trid tkun naqra bimbo biex ma tindunax hux.*

*Agħmlu silent a!*

*Yay … m'għandhiex code.*

*Vera bimbo mela.*

*Ok sms number 1: Ej sweets can't*